# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru, 2001 .

### Avviz numru : 144/97G2(PC)

**Salvu Parnis**
**vs**
**Mario Pace**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-attur is-soma ta' mitejn lira Maltija (LM200) jew kull ammont divers likwidat minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti senserija dovuta in konnessjoni mal-bejgh minnek lil Anthony u Grace Farrugia ta' numru ta' baqar u permess tal-halib numru tlett mija u tnejn u sebghin (372) .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji spediti fil-15 ta' Settembru, 1997 u fl-14 ta' Ottubru, 1997 u tal-ittra ufficjali spedita f'Settembru 1997 u bl-imghaxijiet skond il-Ligi b'effett mid-data tal-ftehim sad-data tal-hlas relattiv .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :**

1. **Huwa qieghed jikkontesta t-talbiet attrici peress illi dawn huma infondati fid-dritt u fil-fatt .**

2. **L-attur Salvu Parnis qatt agixxa bhala sensar fil-bejgh ta' baqar u permess tal-halib li sar mill-konvenut Mario Pace lill-konjugi Anthony u Grace Farrugia u ghaldaqstant ma hija dovuta l-ebda sensarija mill-konvenut lill-attur .**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas ta' sehmu minn senserija li huwa jippretendi li hija dovuta in konnessjoni mal-bejgh ta' permess ta' kwota tal-halib u hmistax-il baqra appartenenti lill-konvenut .**

**L-attur ghal din is-senserija qieghed jippretendi is-somma ta' mitejn lira maltija (LM200) minghand I-konvenut, liema somma huwa jallega li giet miftehma li kellha tithallas minn kull parti f'dan il-bejgh waqt in-negozjati relattivi . Filwaqt illi l-kumpraturi hallsu debitament il-parti tas-senserija minnhom dovuta, l-konvenut baqa' jirrifjuta li jhallas is-sehem tieghu .**

**Mid-depozizzjoni ta' l-istess konvenut irrizulta illi dan irrifjuta li jhallas, ghax allegatament il-ftehim kien fis-sens li l-hlas ikun dovut biss kemm-il darba t-transfer tal-permessi jsir lil Grace Farrugia, li fuq il-konvenju relattiv (Dok. SP. 1 a fol. 12 tal-process), kien deher ghaliha missierha Anthony Farrugia .**

**Huwa minnu illi, kif irrizulta mill-provi, il-bejgh spicca biex attwalment sar lill-istess Anthony Farrugia u certu George Debrincat. Imma hareg ukoll minn l-istess provi illi sabiex sar il-bejgh lilhom ma sarx xi negozju gdid, imma dan il-bejgh kien frott ta' l-istess negozju originali li wassal biex tigi redatta l-iskrittura tal-konvenju gia msemmija .**

**Infatti nsibu illi :**

**(i) il-prezz baqa' identiku u cioe' ta' erba' u tletin elf lira maltija (Lm34,000) ;**

**(ii) id-depozitu ta' tliet elef u erba' mitt lira maltija (Lm3400) li kien sar fl-okkazzjoni ta' dak il-konvenju baqa' jiswa ghall-bejgh attwali, u qatt ma gew rifuzi ebda flus lil-imsemmija Grace Farrugia ;**

**(iii) huwa evidenti illi mill-bidu l-hsieb kien illi l-bejgh isir lil Anthony Farrugia u George Debrincat, imma xtaqu li tidher biss Grace Farrugia ufficjalment bhala d-detentur tal-permess, ghar-ragunijiet taghhom .**

**Jirrizulta ghalhekk illi x-xoghol li wettaq l-attur sabiex wassal lill-partijiet biex jiftehmu halli jsir il-konvenju u l-eventwali bejgh lil Farrugia u Debrincat jisthoqqlu l-kumpens li tikkontempla l-ligi ghas-senserija . L-artikolu 1362 tal-Kap. 16 jghid illi "Jekk ma jkunx hemm ftehim, is-senserija hi ta' wiehed fil-mija, meta l-bejgh hu ta' hwejjeg mobbli, u ta' tnejn fil-mija, meta l-bejgh hu ta' immobbli" .**

**Fil-kaz prezenti ma giex michud illi kien hemm ftehim ta' hlas ta' mitejn lira maltija (Lm200) minn kull naha . Din hija appuntu s-somma li qed jitlob l-attur permezz ta' dan l-Avviz . Kif gia nghad, il-kontestazzjoni tal-konvenut mihiex dwar il-'quantum', imma biss li l-ftehim originali ma sehhx u l-eventwali bejgh kien wiehed totalment gdid . Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, irrizulta li l-pretensjoni tal-konvenut mhix accettabli fic-cirkostanzi tal-kaz, u ghalhekk il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccetta t-talba ta' l-attur . Naturalment is-senserija hija dovuta biss kemm-il darba jsir il-bejgh . Dan il-bejgh jirrizulta mill-ircevuta tal-hlas tal-bilanc ta' tletin elf u sitt mitt lira maltija (Lm30,600), li gie konkluz fit-12 ta' Marzu 1997 (Dok. MG. 1 a fol. 34).**

**Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira maltija (LM200) dovuta bhala sehmu minn senserija in konnessjoni mal-bejgh indikat fl-Avviz.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tal-15 ta' Settembru 1997 u tal-14 ta' Ottubru 1997, ta' l-ittra ufficcjali spedita f'Settembru 1997, u bl-imghaxijiet skond il-Ligi b'effett mit-12 ta' Marzu 1997, kollox kontra l-konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
Si14497Pc